MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 54/2005

**Av. Roderick Zammit Pace bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera NARA – Projectos, Construcao e Turismo S.A. reġistrata Lisbona, il-Portugal bin-numru 59465.**

**-vs-**

**Libra Holidays Accomodation (Malta) Limited (C 26048).**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-21 ta' Jannar, 2005 li permezz tagħha l-attur nomine ppremetta:

Illi s-soċjeta' konvenuta topera fis-settur tat-turiżmu f'pajjiżi varji inkluż fil-Portugal;

Illi s-soċjeta’ attriċi tiġġestixxi kumpless turistiku bl-isem “*Apartamentos Turisticos Soldoiro*” fil-Praia da Oura, Albufeira fil-Portugal;

Illi s-soċjeta’ konvenuta daħlet f’żewġ kuntratti (“Committed Contracts”) mas-so ċjeta’ attriċi bin-numru 030051 għall-perjodu 27 ta’ Ottubru 2002 sa 1 ta’ Novembru 2003 u bin-numru 030226 għall-perjodu 2 ta’ Novembru 2003 sa 2 ta’ Novembru 2004 li kopji tagħhom huma hawn annessi bħala Dok. “NR1” u “NR2” rispettivament;

Illi s-soċjeta’ konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta’ attriċi fis-somma ta’ tletin elf, erba’ mija u ħamsin Euro (EUR 30,450), in konnessjoni mal-kuntratt bin-numru 030051, kif jidher mit-tliet *invoices* tas-soċjeta’ attriċi bin-numri 763, 791 u 820, (li kopji tagħhom huma hawn annessi bħala Dok. “NR3”), liema debitu ġie ukoll ammess mis-soċjeta’ konvenuta perezz ta’ ittra ta’ l-10 ta’ Diċembru 2004, li kopja tagħha hija hawn annessa bħala Dok. “NR4”;

Illi s-soċjeta’ konvenuta hija wkoll debitriċi tas-soċjeta’ attriċi fis-somma ta’ tlieta u erbgħin elf u ħames mitt Euro (EUR 43,500) in konnessjoni mal-kuntratt bin-numru 030226, kif jidher mill-erba’ *invoices* tas-soċjeta’ attriċi bin-numru 764, 792, 893, u 938 (li kopji tagħhom huma hawn annessi bħala Dok. “NR3”), liema kuntratt ġie terminat unilateralment mis-soċjeta’ konvenuta permezz ta’ ittra datata 26 ta’ Jannar, 2004, li kopja tagħha hija hawn annessa bħala Dok. “NR5”;

Illi għalhekk is-soċjeta’ attriċi għandha tħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma globali ta’ tlieta u sebgħin elf, disa’ mija u ħamsin Euro (EUR 73,950) bl-imgħax legali sal-pagament effettiv;

Illi l-istess soċjeta’ konvenuta ġiet interpellata diversi drabi,

biex tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont hawn fuq indikat, iżda din xorta baqgħet inadempjenti;

Tgħid is-soċjeta' konvenuta għaliex, ir-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-

1. Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ekwivalenti, fid-data tas-sentenza, f'Liri Maltin ta' tlieta u sebgħin elf, disa' mija u ħamsin Euro (EUR 73,950) kif fuq premess; u

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ekwivalenti fid-data tas-sentenza f'Liri Maltin ta' tlieta u sebgħin elf, disa' mija u ħamsin Euro (EUR 73,950) bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv;

3. Tordna l-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment, kontra s-soċjeta' konvenuta, li r-rappresentanti tagħha jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta ppreżentata fit-2 ta' Marzu, 2005 li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi l-pretensjoni attriċi għall-ħlas ta' €23,850, ibbażata fuq fattura numru 938 (kopja ta' liema tinstab annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni), hija nfondata *stante* illi tali ħlas ma jirriżultax dovut skond it-tieni ftehim ma' l-attur nomine, liema ftehim jinsab anness ma' l-att taċ-ċitazzjoni u mmarkat "NR2".

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' konvenuta maħlufa minn

Christopher Galea, karta ta’ l-identita’ numru 837457(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partijiet.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-attur nomine a fol 87 tal-proċess fejn naqqas it-talba tiegħu b’ħamsin elf u mitt Ewro (EUR 50,100) stante pagament fil-mori tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ April, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur nomine qed jitlob il-kundanna għall-ħlas li qed jallega li s-soċjeta’ mandanti tiegħu għandha tieħu mingħand is-soċjeta’ konvenuta għall-akkomadazzjoni ta’ turisti skond hekk imsejħin “Committed Contracts” li saru bejniethom.

Il-konvenuti qed jikkontestaw dan u qed jgħidu li m’għandhom jagħtu xejn.

Fil-kawża ġew esebiti tliet affidavits u cioe’ tnejn mill-attur nomine u ieħor mis-soċjeta’ konvenuta. Joao De Brito għas-soċjeta’ attriċi qal li s-soċjeta’ konvenuta qatt ma kkontestat li kellha tagħti u fil-fatt esebixxa korrispondenza u tindika li l-istess soċjeta’ qed titlob nifs biex tħallas minħabba d-diffikultajiet finanzjarji (fol 99 *et sequitur*). Ġie esebit affidavit ta’ avukat Ingliża dwar x’tgħid il-Liġi Ingliża billi skond il-kuntratt in kwistjoni din hija dik applikabbli. Dan pero’ ma huwiex kontestat u f’kull każ il-kawża tirrigwarda sempliċi debitu u m’għandux ikun hemm xi differenzi bejn il-liġijiet varji jekk mhux dwar il-konsegwenzi ta’ morożita’ iżda ċertament mhux fuq jekk il-Qorti għandhiex tilqa’ talba simili jew le.

Fil-fehma tal-Qorti pero’ huwa lluminanti ħafna l-affidavit tar-rappresentant tas-soċjeta’ konvenuta li spjega tajjeb id-definizzjoni ta’ “Committed Contracts” – dan ifisser li l-partijiet

jintrabtu bi prezz għall-akkomadazzjoni għal perjodu speċifiku u minħabba f'hekk billi sid il-lukanda jkollu ċertezza ta' okkupanza l-prezzijiet ikunu aktar vantaġġjużi. Dan ifisser li l-prezz pero' irid jitħallas independement jekk l-operatur jibgħatx turisti jew le f'dik il-lukanda. Allura ma hemmx raġuni għaliex l-atturi m'għandhomx jitħallsu l-ammont mitlub minnhom għaliex huma mhux qed jitolbu xi ammont mhux dovut iżda qed jimxu skrupolosament skond il-kuntratt fis-sens li qed jitolbu biss sa dak iż-żmien meta s-soċjeta' konvenuta – kif kellha dritt li tagħmel – itterminat il-kuntratt; fil-fatt il-bilanċ jirrigwardja tliet xhur mhux koperti mill-ħlasijiet billi s-soċjeta' konvenuta, kif indikat fiċ-ċitazzjoni, itterminat il-kuntratt f'dak il-perjodu. Għalhekk l-ammont mitlub mill-attur nomine jirriżulta dovut kif sew spjegat ukoll fl-affidavits preżentati mill-attur nomine. Apparti dan, jekk kien hemm xi dubbju, il-prova li saret dwar il-liġi Ingliża billi din hija dik applikabbli skond l-istess kuntratt hija wkoll konvinċenti biżżejjed biex tiġi aċċettata u li tagħti wkoll raġun lill-attur nomine (fol 106 u 107). Ma hemmx dubbju li l-partijiet huma liberi li jagħżlu l-liġi li tapplika għall-kuntratt li jidħlu għalih, sakemm ikun hemm ċertu rabta bejn dik il-liġi u l-esekuzzjoni tal-kuntratt jew xi ħadd mill-partijiet – ara s-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fil-kawża Firman nomine vs Carant Trading Limited – 11 ta' Diċembru, 2006 u kif ġia' ingħad, f'dan il-każ is-soċjeta' konvenuta m'hijiex qed topponi għal dan fl-eċċezzjoni tagħha.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tilqa' t-talba attriċi kif ridotta billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur nomine s-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ta' tlieta u għoxrin elf, tmien mija u ħamsin Euro (EUR 23,850). L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------